# TAGĦRIF FUQ SAN ĠILJAN

**Miġbur minn Piju Dalli**

L-isem San Ġiljan, aktarx li ġabuh magħhom il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn kienu bnew kappella lil dan il-qaddis protettur tal-kaċċaturi minħabba li ħafna minnhom kienu dilettanti tal-kaċċa. Din il-kappella kienet imbniet f'post li dak iż-żmien kien imfittex ħafna għal kaċċa. Ma din il-kappella imbagħad beda jikber ir-raħal ta' San Ġiljan li kien jikkonsisti minn ftit familji ta' bdiewa u sajjieda li kienu mferrxin mal-medda ta' art li twassal minn fejn illum hemm ir-raħal ta' San Ġwann sa St. Andrews.

Peress li n-nies kienu bdew jiżdiedu, inħass il-bżonn li din il-kappella titkabbar u dan ġara fl-1682. Madanakollu biex jirċievu s-Sagramenti in-nies ta' San Ġiljan kienu jiddependu mill-parroċċa ta' Birkirkara. Għalhekk delegazzjoni ta' Ġiljaniżi mmexxija minn Ercole Mamo dei Marchese Mompalao għamlu petizzjoni lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex San Ġiljan isir Viċi-Parroċċa b'qassis residenti. Din it-talba ġiet milqugħa u San Ġiljan sar Viċi-Parroċċa fis-sena 1847.

In-numru tan-nies baqa kull ma jmur jikber u l-knisja kien hemm il-bżonn li terġa titkabbar. Għal dan il-għan l-isqof ta' dak iż-żmien, Monsinjur Sant kien għamel donazzjoni ta' mija u ħamsin skud, somma li għal dak iż-żmien kienet ġmielha. Ix-xogħol fuq it-tkabbir tal-Knisja beda fl-1852 u spiċċa fi Frar tas-sena ta' wara, meta kienet ġiet imbierka minn Dun Ġużeppi Debono, prepostu ta' Birkirkara.

Il-popolazzjoni ta' San Ġiljan kompliet tikber kif komplew jikbru wkoll il-bżonnijiet tal-poplu. Għalhekk wara diversi talbiet, San Ġiljan sar Parroċċa fl-ewwel ta' Settembru tal-1881. L-ewwel kappillan kien Dun Ġużepp Xerri, li qabel kien il-viċi parroku. Meta sar parroċċa, San Ġiljan ma waqqafx l-isvilupp tiegħu, anzi minn dak iż-żmien l'hawn forsi ġraw l-akbar affarijiet f'dak li huwa żvilupp parrokkjali.

Ħaġa interessanti f'San Ġiljan li wieħed għadu jara l-fdalijiet tagħha hija l-proprjetá riservata. Qabel ma l-inħawi fejn illum hemm Triq Sant Elija, Triq il-Karmnu u Triq Sant Anġlu ġew mibnija hemm tradizzjoni li l-patrijiet Karmelitani kienu jagħlqu l-inħawi li kienu propjetà riservata tal-Kunvent Karmelitan ta' l-Imdina, permezz ta' gradi kbar tal-ħadid. Jingħad li dawn il-



gradi kienu mwaħħla fi Triq il-Karmnu u Triq Sant Elija, t-tnejn kantuniera mat-triq ewlenija filwaqt li grada oħra kienet imwaħħla ma' Triq Sant Anġlu, kantuniera ma' Triq Birkirkara. Biċċa mill-ħajt qadim li kien jagħlaq dawn l-inħawi għadu hemm u wieħed jista' jarah fi Triq Sant Elija u Triq il-Karmnu.

Fil-kantunieri ta' triq Sant Elija u Triq il-Karmnu għadhom jidhru imħaffrin ġol-ħitan il-postijiet fejn kienu mwaħħlin il-gradi waqt li fi Triq Sant Anġlu għad hemm l-arkata li magħha kien jagħlaq il-bieb.

Paġna fl-istorja ta' San Ġiljan li wieħed ma jistax iħalliha minsija hija l-Kor ta' San Ġiljan. Illum il-ġurnata l-kor ta' dan il-post huwa wieħed mill-ewlenin f'pajjiżna. Mhux hekk biss, anzi dan il-kor ġieli ħa sehem f'manifestazzjonijiet u konkorsi barranin. Fil-fatt il-Kor ta' San Ġiljan ikkompeta darbtejn ġewwa l-Italja għall-premju Fides u darba minnhom fl-1965 irnexxielu jikseb l-ewwel premju. Dan il-kor kien twaqqaf minn Monsinjur Gwido Calleja fl-1957. Dak iż-żmien Monsinjur Calleja kien il-



kappillan ta' San Ġiljan u barra x-xogħlijiet l-oħra tal-parroċċa kien jieħu ħsieb dan il-kor li kien twaqqaf biex jagħti servizz lill-Knisja parrokkjali fil-funzjonijiet tagħha. Illum dan il-kor tant kiber li kif ġa għedna sar wieħed mill-korijiet ewlenin ta' pajjiżna u mfittex għal diversi okkażżjonijiet f'diversi bliet u rħula.

Illum San Ġiljan m'għadux medda kbira ta' għelieqi b'kappella żgħira fejn in-nies kienu jduru għal kaċċa. Kaċċaturi għad hemm ġewwa San Ġiljan, imma dawn ikollhom joħorġu barra l-post biex jissodisfaw il-passatemp tagħhom għaliex San Ġiljan imtela bil-bini u dawn in-nies ma għandhomx fejn iduru. F'San Ġiljan għad hemm ukoll is-sajjieda, imma dawn issa saru l-ftit mhux il-maġġoranza, kif kienu meta r-raħal beda jieħu r-ruħ. Ħaġa li wieħed m'għadux isib f'San Ġiljan hija l-villeġġanti. Dawn m'għadhomx imorru San Ġiljan, mhux għax m'għadux jogħġobhom, imma għaliex m'għadx hemm post għalihom. Minbarra hekk, illum San Ġiljan sar għandu l-identità tiegħu għaliex sar għandu fih in-nies li għamluh dak li hu llum.